# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta**
**Ħamsa (5) ta’ Lulju 2022**

**Rikors Numru 531/2015 FDP**

Fl-ismijiet

**BNF Bank plc**

**Vs**

**Liberty Fishing Co Limited**
**George Catania (I.D.95963M)**
**Maria Louisa Catania (K.I.618064M)**
**Tarcam Company Limited**
**Raymond Bonnici (K.I.471763M)**
**Martin Cachia (K.I.235859M)**
**Kjamata in kawża Elena Cachia**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tar-rikorrent datat 2 ta’ Ġunju 2015, li permezz tiegħu talab is-segwenti:

    1. *Illi l-kumpannija attriċi hi bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lill-klijenti tagħha;*

    2. *Illi l-kumpannija debitriċi prinċipali hija klijenta tal-kumpanija attriċi u ħadet minn għandha self marbut mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħha;*

3. *Illi s-self kien jammonta għal mitejn elf Euro (€200,000) u kien jikkonsisti fis-segwenti:*

    a. *Business Loan ta' mija u ħamsin elf Euro (€150,000) mogħti ai termini ta' Credit Agreement datat 6 ta' Ottubru 2010 (ara Dok. 'A') u kuntratt datat 20 ta' Diċembru 2010, magħmul fl-atti tan-Nutar Isabelle Gonzi (ara Dok.'B') u;*

    b. *Business Loan ta' ħamsin elf Euro (€50,000) mogħti ai termini ta' Credit Agreement datat 16 ta' Frar 2012 (Ara Dok C) u Kuntratt datat 23 ta' April 2012, magħmul fl-atti tan-Nutar Dr. Isabelle Gonzi (ara Dok D).*

4. *Illi l-kumpannija debitriċi prinċipali naqset milli tħallas lura dan is-self u għalhekk l-ammont dovut mill-kumpannija debitriċi prinċipali fuq dawn il- faċilitajiet hu kif ġej:*

    a. *mitt elf u tnejn, disa' mija u tlieta u sebgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€102,973.50) fuq l-ewwel Business Loan fuq imsemmija, senjatament fuq Loan Account numru 139769 71 001, u li sat-8 ta' Mejju 2015, kienu jinkludu imgħaxijiet ta' sebat elef, mitejn u tmienja u disgħin Euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€7,298.58) (ara Dok 'E')*

    b. *ħamsin elf, tmien mija u sitta u tletin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€50,836.33) dovuti fuq it-tieni Business Loan fuq imsemmi, senjatament fuq Loan Account numru 139769 71 002 u li sat-8 ta' Mejju 2015, kienu jinkludu imgħaxijiet ta' elfejn, disa' mija u erbgħa u sittin Euro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2,964.92) (ara Dok. 'F);*

5. *Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-kumpannija debitriċi prinċipali lill-kumpannija attriċi sat-8 ta' Mejju 2015, kien ta' mija, tlieta u ħamsin elf, tmien mija u disat Euro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€153,809.83);*

6. *Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill kumpannija attriċi ai termini tal-Artikolu 11 (p) tal-Credit Agreement mmarkat Dok. 'A' u ta' Artikolu 9(m) tal-Credit Agreement mmarkat Dok. 'C, u dan għax kif jistipulaw dawn l-istess Agreements rispettivi, partikolarment, iżda mhux esklussivament:*

    *"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

> *b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*
>
> *n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";*

7. *Illi kull wieħed mill-konvenuti l-oħra mħarrkin f'din il-kawża daħal bħala garanti in solidum mal-kumpannija debitriċi prinċipali permezz ta' kuntratt għal ammont ekwivalenti għal dak misluf (ara Dok. 'G' sa Dok. 'K');*

8. *Illi l-kumpannija attriċi ttentat tinterpella lill-konvenuti kollha diversi drabi biex iħallsuha d-dejn, fosthom permezz ta' ittri legali datati 12 ta' Settembru 2012, 8 ta' Ottubru 2012 u 8 ta' Novembru 2013 (ara Dok. 'L', Dok. 'M' u Dok. 'N' rispettivament) u ittra uffiċjali numru 659/2014 datata 3 ta' Marzu 2014 u preżentata quddiem din l-istess Qorti (ara Dok. 'O'), iżda dawn baqgħu inadempjenti;*

9. *Illi l-kreditu tal-kumpannija attriċi huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attriċi;*

10. *Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, l-kumpanija attriċi titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap, 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li l-konvenuti bejniethom saru debituri tal-kumpannija attriċi fl-ammont ta' €153,809.83, b'dana li kull wieħed minnhom jew aktar, ikollhom l-obbligu li jħallsu l-ammont kollu in virtu' tal-garanziji solidali mogħtija minnhom; u*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu bejniethom lill-kumpannija attriċi l-ammont ta' €153,809.83, b'dana li kull wieħed minnhom jew aktar ikollhom l-obbligu li jħallsu l-ammont kollu in virtu tal-garanziji solidali mogħtija minnhom,*

*Bl-ispejjeż, bank charges u fees u bl-imgħaxijiet mit-8 ta' Mejju 2015 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini tal-Credit agreements msemmija f'din il-kawża.*

*L-imgħaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:*

1. *disgħa punt ħamsa fil-mija (9.5%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Loan Account numru 139769 71 001 imsemmi aktar 'il fuq u dan skond Artikoli 7 u 11(t) tal-Credit Agreement immarkat Dok. 'A' u*

2. *għaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Loan Account numru 139769 71 002 imsemmi aktar 'il fuq u dan skond Artikoli 5 u 9(q) tal-Credit Agreement immarkat Dok. 'C'.*

*Il-konvenuti huma minn issa nġunti għas-subizzjoni u dan b'riżerva għal kull dritt ieħor spettanti lill-kumpannija attriċi fil-konfront tal-istess konvenuti.*

2. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti.

3. Illi fit-8 ta' Lulju 2015 George Catania, Marie Louise Catania u Tarcam Co. Limited irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

   1. *Illi fl-ewwel lok ir-Rikors promotur huwa null u bla effett fil-liġi stante li huwa monk mid-dikjarazzjoni bil-ġurament ai termini tal-Artikolu 156(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta kif jesiġi l-Artikolu 167 tal-istess Att. Stante n-nuqqas ta' tali dikjarazzjoni, l-esponent naturalment ma ġewx notifikati bl-istess u dan bi ksur tal-Artikolu 168 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma intempestivi stante li l-credit agreement datat is-6 ta' Ottubru 2010 li permezz tiegħu ngħata l-business loan huwa ftehim għal ħames (5) snin, liema terminu għadu ma skadiex. F'dan il-kuntest, l-esponenti bħala l-garanti tad-dejn tal-kumpanija debitriċi prinċipali kellhom benefiċċju ta' terminu ta' ħames (5) snin li ġew negati minnu proprju minħabba l-intempestivita' tal-istess kawża odjerna;*

   3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jinkombi fuq il-Bank rikorrent li juri u jipprova sal-grad rikjest mil-Liġi li s-soċjeta' debitriċi prinċipali naqset milli taffettwa l-pagamenti dovuti;*

   4. *Mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li;*

      a. *fl-ewwel lok mhux minnu li l-ammont pretiż mill-bank rikorrent huwa ċert, dovut u likwidu;*

b. *fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont mitlub huwa wieħed eċcessiv u fuq kollox mhux ċar kif l-istess Bank rikorrent wasal għall-ammonti li qed jitlob stante li anke mid-dokumentazzjoni annessa mar-Rikors promotur (ara Dok E u Dok. F rispettivament) l-ammont mitlub mal-ammonti bl-istess dokumenti;*

c. *fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont mitlub u l-interessi hekk kif mitluba ma jirrispekkjawx klawsola numru 11 (t) tal-credit agreement datat is-6 ta' Ottubru 2010;*

d. *fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont mitlub jinkludi imgħax kompost u mhux skond il-liġi;*

e. *fil-ħames lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponenti huma garanti biss għas-somma ta' mija u ħamsin elf Euro (€150,000) u għalhekk, kwalunkwe ammont in eċċess tal-istess ammont mhux garantit minnhom u m'għandhom ebda obbligu li jagħmlu tajjeb għalih;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

4. Rat illi s-soċjeta' Liberty Fishing Co Limited ġiet notifikata fis-17 ta' Ġunju 2015 filwaqt illi Raymond Bonnici u Martin Cachia ġew notifikati fis-16 ta' Ġunju 2015. (fol 101)

5. Rat illi r-risposta ta' Martin Cachia kif ukoll Liberty Fishing Co Limited ma ġewx ippreżentati fil-perjodu stabbilit mil-Liġi.

**Provi:**

6. Rat ix-xhieda ta' **Vanessa Bugeja**, rappreżentanta tal-Bank rikorrenti, mogħtija fit-12 ta' Jannar 2016 (fol 147).

7. Rat illi fid-9 ta' Frar 2016, il-Qorti ġiet infurmata illi Martin Cachia kien miet.

8. Rat illi fit-3 ta' Mejju 2016 il-Bank rikorrenti ċeda l-atti fil-konfront ta' Martin Cachia (fol 151).

9. Rat illi fit-3 ta' Mejju 2016 is-soċjeta rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta.

10. Rat ix-xhieda, in kontro eżami, ta' Vanessa Bugeja, mogħtija fit-8 ta' Ġunju 2016. (fol 156)

11. Rat ix-xhieda, in ri eżami, ta' Vanessa Bugeja, mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2016 (fol 159) u rat id-dokumentazzjoni minnha ppreżentati.

12. Rat illi fit-28 ta' Ottubru 2016, l-intimati George Catania, Maria Louisa Catania u Tarcan Company Limited talbu l-kjamata in kawża ta' Elena Cachia, Gilmor Cachia, Stefan Cachia u Zena Frendo nee' Cachia, ilkoll eredi tal-mejjet Martin Cachia, (fol 164), liema talba ġiet milqugħa fit-13 ta' Jannar 2017.

13. Rat l-affidavit ta' **Maria Louisa Catania** ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2017 (fol 186).

14. Rat l-affidavit ta' **George Catania** ippreżentat fl-14 ta' Marzu 2017 (fol 189).

15. Rat in-nota ta' Banif Bank (Malta) plc li biha tiġbed l-attenzjoni li l-isem inbidel minn Banif Mank (Malta) plc għal BNF Bank plc, u li l-isem uffiċjali għandu jitqies li sar BNF Bank plc (fol 209).

16. Rat li permezz ta' digriet datat 2 ta' Frar 2018, ġiet ordnata din il-korrezzjoni fl-okkju u kull fejn jirrikorri (fol 210).

17. Rat illi fit-13 ta' Marzu 2018, l-eredi ta' Martin Cachia, ossija Elena Cachia, Gilmore Cachia, Stefan Cachia u Zena Frendo nee' Cachia, lkoll ġew dikjarati bħala debitament notifikati, u kontumaċi la darba ma rrispondewx.

18. Rat in-nota tal-intimati George Catania, Maria Louisa Catania u Tarcam Co. Limited ippreżentata fil-25 ta' April 2018 li permezz tagħha eżebew riċerki f'isem il-mejjet Martin Cachia, li juru li kellu nofs indiviż tal-fond 238 "Casa Martina" fi Triq l-Imħallef William Harding, Pembroke, flimkien ma' l-ewwel mara tiegħu Theresa Cachia, li minnha huwa separat, li permezz ta' sentenza mogħtija tal-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, ġie ordnat li tali fond jinbiegħ bis-subbasta, iżda minn tali riċerki ma jirriżultax li tali subbasta ġiet konkluża.

19. Rat ix-xhieda ta' **Luke Bonello**, rappreżentant tal-Bank rikorrenti, datata 25 ta' April 2018 (fol 268).

20. Rat illi, fl-1 ta' Lulju 2019, din il-Qorti kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti odjerni.

21. Rat illi, fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2019, l-intimati konjuġi Cachia u soċjeta' Tarcam Limited għarrfu lill-Qorti li l-eredi tal-mejjet Martin Cachia irrinunzjaw għall-wirt tiegħu (fol 286).

22. Semgħet ix-xhieda ta' **Carmen Scicluna** in rappreżentanza tas-Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja tal-Qorti Ċivili, li ġie eżebit Dok CS1 (fol 290), li stqarret illi ma saret ebda rinunzja tal-wirt.

23. Semgħet ix-xhieda ta' l-intimat kontumaċi **Raymond Bonnici** datata 28 ta' Jannar 2020 (fol 294).

24. Semgħet ix-xhieda ta' **Mark Farrugia** in rappreżentanza tar-Reġistru Pubbliku datata 14 ta' Lulju 2020 (fol 317) li eżebixxa riċerka dwar l-kjamati in kawża (fol 320-476).

25. Semgħet ix-xhieda ta' **Alfred Ferrante**, rappreżentant tal-Bank rikorrenti, datata 29 ta' Ottubru 2020 (fol 478).

26. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta' Alfred Ferrante datata 20 ta' Jannar 2021(fol 486).

27. Rat illi fl-20 ta' Jannar 2021, fuq talba ta' l-intimati Catania u Tarcam Limited, il-Qorti ordnat l-estromissjoni tal-kjamati in kawża Gilmour Cachia, Faye Cachia, Zena Frendo nee' Cachia u Stefan Cachia, lkoll tfal tal-mejjet Martin Cachia, filwaqt illi żammet ferm il-kjamat in kawża ta' Elena Cachia, mart il-mejjet Martin Cachia.

28. Rat illi fil-5 ta' Lulju 2021, l-intimati Catania u Tarcam Limited għarrfu lill-Qorti illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

29. Semgħet ix-xhieda, in kontro eżami, ta' George Catania mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021 (fol 494).

30. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Raymond Bonnici mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2021 (fol 497).

31. Rat illi fl-1 ta' Diċembru 2021 il-partijiet għarrfu illi ma kellhomx aktar provi u għalhekk il-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

32. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kumpanija BNF Bank plc ippreżentata fis-16 ta' Frar 2022 (fol 503).

33. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat kontumaċi Raymond Bonnici ippreżentat fis-6 ta' April 2022 (fol 521).

34. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' George Catania, Marie Lousie Catania u Tarcam Limited ippreżentata fis-27 ta' April 2022 (fol 525).

35. Rat illi fis-27 ta' April 2022, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

36. Jirriżulta li l-kumpannija Liberty Fishing Company Limited, soċjeta' ta' l-intimat kontumaċi Raymond Bonnici, ħadet self mill-Bank attur, liema self kien jammonta għal €200,000, konnessi mal-ħtiġijiet tan-negozju tagħha.

37. Jirriżulta li self wieħed kien konsistenti f'Business Loan fl-ammont ta' €150,000 mogħti bi credit agreement datat 6 ta' Ottubru 2010 (fol 9), u kuntratt sussegwenti datat 20 ta' Diċembru 2010 (fol 18). F'tali kuntratt, is-soċjeta' Liberty Fishing Company Limited, rappreżentata minn Raymond Bonnici, ingħatat is-self, filwaqt illi

Raymond Bonnici personalment flimkien ta' Maria Louisa Catania għan-nom tas-soċjeta' Tarcam Company Limited dehru bħala "sureties-in-solidum", ossija garanti.

38. Jirriżulta illi t-tieni self kien ukoll Business Loan ta' €50,000 bi Credit Agreement datat 16 ta' Frar 2012 (fol 32) u kuntratt datat 23 ta' April 2012 (fol 39) fejn, għal darba oħra, is-soċjeta' Liberty Fishing Company Limited, rappreżentata minn Raymond Bonnici, ingħatat is-self, filwaqt illi Raymond Bonnici personalment flimkien ta' Maria Louisa Catania għan-nom tas-soċjeta' Tarcam Company Limited dehru bħala "sureties-in-solidum", ossija garanti.

39. Jirrriżulta illi permezz ta' garanziji iffirmati mil-bank rikorrenti w l-intimati George u Maria Louisa Catania (fol 51), is-soċjeta' Tarcam Company Limited (fol 59), u l-intimat kontumaċi Raymond Bonnici (fol 67) lkoll iffirmati fit-22 ta' Marzu 2012, l-istess għamlu tajjeb għad-dejn tas-soċjeta' Liberty Fishing Co Limited fl-import ta' €200,000.

40. Jirriżulta ukoll illi permezz ta' garanzija iffirmata mill-bank rikorrenti u Martin Cachia fis-17 ta' Frar 2012, Martin Cachia għamel tajjeb għad-dejn tas-soċjeta' Liberty Fishing Co Limited fl-import ta' €50,000 (fol 83) filwaqt illi fil-15 ta' Settembru 2010 għamel tajjeb għad-dejn ta' l-istess soċjeta' Liberty Fishing Co Limited fl-import ta' €150,000 (fol 75).

41. Jirriżulta li l-kumpanija debitriċi ma ħallsitx is-self mogħti.

42. Jirriżulta illi, permezz tal-azzjoni preżenti, il-Bank BNF plc qed jitlob li jitħallas l-ammont ta' €102,973.50 fuq l-ewwel Business Loan numru 139769 71 001, inkluż imgħaxijiet ta' €7,298.58 (Dok E). Il-Bank BNF plc qed isostni wkoll li ma tħallasx l-ammont ta' €50,836.33, dovuti fuq it-tieni Business Loan numru 13976971 002, li jinkludi imgħax ta' € 2,964.92 (Dok F).

43. Jirriżulta li dan id-dejn huwa dovut lill-Bank BNF plc a tenur tal-artikolu 11(p) tal-Credit Ageement eżebit Dok A u l-artikolu 9(m) tal-Credit Agreement immarkat Dok C.

44. Jirriżulta wkoll, li kull wieħed mill-konvenuti daħal garanti in solidum mal-kumpanija debitriċi permezz ta' kuntratti eżebiti Dok G sa K mar-rikors promotur u msemmija fil-paragrafi 39 u 40 aktar 'il fuq.

45. Jirriżulta li l-Bank bagħat ittri legali fit-12 ta' Settembru 2012 (fol 91), fit-8 ta' Ottubru 2012 (fol 92) u fit-8 ta' Novembru 2013 (fol 94) kif ukoll ittra uffiċjali numru 659/2014 datata 3 ta' Marzu 2014, (fol 96), biex tinterpella lill-konvenuti iħallsu d-dejn iżda wara l-inadempjenza tal-konvenuti ipproċeda b'dan il-każ.

46. Wara l-mewt ta' Martin Cachia, fil-mori ta' din il-proċedura, rriżulta li ġew kjamati in kawża l-eredi tiegħu, iżda mid-dokumenti eżebiti fil-proċess a fol 320, jidher li l-intimati kjamati in kawża, Gilmore Cachia, Stefan Cachia, Zena Frendo nee` Cachia u l-minuri Fay Cachia irrinunzjaw għall-eredita` ta' Martin Cachia. Fil-fatt, dan jirriżulta mill-verbal datat 20 ta' Jannar 2021. Madankollu, jirriżulta minn dan l-istess

verbal, li Elena Cachia, il-kjamata in kawża bħala l-eredi ta' Martin Cachia, ma rrinunzjatx għall-wirt ta' Martin Cachia, billi anke biegħet xi assi tad-defunt Martin Cachia. Għalhekk, il-kawża setgħet titkompla biss fil-konfront ta' Elena Cachia, iżda mhux fil-konfront ta' l-erbgħa kjamati in kawża l-oħra hawn fuq imsemmija, kif jirriżulta mill-verbal a fol 484 tal-proċess.

47. Jirriżulta illi George u Maria Louisa Catania, kif ukoll is-soċjeta' Tarcam Co Limited ressqu l-eċċezzjonijiet, filwaqt illi l-intimati l-oħra baqgħu kontumaċi.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari**

48. Ġie eċċepit preliminarjament, li r-rikors promotur huwa null u bla effett stante li l-intimati ma ġewx notifikati bid-dikjarazzjoni bil-ġurament ai termini tal-artikolu 156(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li ma ġewx notifikati bl-istess bi ksur tal-Artikolu 168 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

49. Jirriżulta, li r-rikorrenti ġew notifikati fid-19 ta' Ġunju 2015 u dehru fl-24 ta' Ġunju 2015, fejn ingħataw id-dritt illi jirrispondu. Għalhekk, hija diffiċli għal din il-Qorti tifhem kif setgħu l-konsulenti legali jiskoġitaw u jqajjmu eċċezzjoni simili, għajr sabiex jittentaw jikkreaw konfużjoni fil-proċeduri, liema prassi jidher illi ġiet adoperata tul il-proċedura kollha li damet għaddejja għal sebgħa snin sħaħ.

50. Għalhekk, din l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda.

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

51. Permezz tal-każ odjern, il-Bank attur qed jitlob li jiġi dikjarat li l-intimati bejniethom huma debituri tal-Bank attur fl-ammont ta' €153,809.83, b'hekk qed jiġi mitlub li l-intimati jiġu kkundannati jħallsu dan l-ammont in vista tal-garanzija solidali mogħtija minnhom, bil-bank charges, fees, bl-imgħaxijiet mit-8 ta' Mejju 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

52. Minn naħa l-oħra, ġie eċċepit mill-intimati tramite t-tieni eċċezzjoni li t-talbiet attriċi huma intempestivi stante li l-credit agreement datat 6 ta' Ottubru 2010, li permezz tiegħu ingħata l-Business Loan huwa ftehim għal ħames snin, u dan it-terminu ta' ħames snin għadu ma skadiex. Ġie eċċepit ukoll, li l-ammont pretiż mill-Bank huwa eċċessiv u l-imgħaxijiet ukoll huma oltre` dak permess skont il-Liġi.

**Kontumaċja**

53. Fil-każ in eżami, jirriżulta, li l-intimat Raymond Bonnici huwa kontumaċi, u l-kjamata in kawża Elena Cachia hija wkoll kontumaċi. Jingħad, li l-kontumaċja fiha innifisha mhijiex ammissjoni, iżda għandha tiġi interpretata bħala oppożizzjoni, hekk kif ritenut fil-ġurisprudenza.

> *"Huwa paċifiku li l-kontumaċja mhijiex ammissjoni (**Charles Saliba vs Salvu Borg**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 1997, u skont dejjem kif*

*referut minn dawn il-Qrati, il-kontumaċja għandha tiġi interpretata wkoll bħala oppożizzjoni u l-Qorti għalhekk tidħol f'ċerta dettalji li huma meħtieġa biex tistabbilixxi l-verita tal-fatti."*

54. Ara ukoll f'dan is-sens, (**Ruth Apap vs Noel Apap** deċiża mill-Prim' Awla fit-30 ta' Ġunju 1995; **Emanuel Spiteri et vs Bernadette Meilak noe** Prim' Awla deċiża fil-15 ta' Jannar 2014; **Raymond Gauci pro et noe vs Christopher Galea**, Prim' Awla deċiża fis-26 ta' April 2001; **Ronald Micallef et vs Subway Malta Limited**, Prim' Awla deċiża fis-6 ta' Marzu 2001).

55. Għalhekk, dejjem jibqa' jinkombi fuq l-attur li jipprova t-talbiet tiegħu huma ġustifikati fil-fatt u fid-dritt.

**It-tieni eċċezzjoni**

56. L-intimati Catania u Tarcam Limited jikkontendu illi stante illi l-ftehim ġew iffirmati fis-sena 2010, il-perjodu ta' ħames snin stabbiliti fil-kuntratt kienu għadhom ma skadewx u għalhekk l-azzjoni kienet intempestiva.

57. Jibda biex jingħad, li huwa evidenti li l-każ odjern huwa ippernjat fuq il-ftehim, Credit Agreements, iffirmat bejn il-Bank u l-kumpanija debitriċi Liberty Fishing Company Limited, Dok A datat 6 ta' Ottubru 2010, u Dok C datat 16 ta' Frar 2012.

58. Jirriżulta wkoll illi l-azzjoni odjerna hija bbażata wkoll fuq kuntratti pubbliċi tal-20 ta' Diċembru 2010 tas-self ta' €150,000 (fol 18) u tat-23 ta' April 2012 tas-self ta' €50,000 (fol 39).

59. Il-Bank attur issottometta fis-sottomissjonijiet, li abbażi ta' dak iffirmat f'Dok A, il-ftehim ma ġiex onorat mill-intimati, peress li waqqfu l-pagamenti tas-self, bi ksur tal-klawsoli 5 u 6 ta' Dok A datat 6 ta' Ottubru 2010. F'din iċ-ċirkostanza, il-Bank, kif ikkonfermat minn Alfred Ferrante fix-xhieda tiegħu, ladarba waqfu l-pagamenti f'April 2013, hemm '*Default*', u meta jkun hemm '*Default*', isir il-call-in mill-Bank u l-ammont jiġi dovut kollu.

60. F'dan il-kuntest, il-klawsoli 5 u 6 tal-imsemmi kuntratt Dok A jistipulaw:

*"(5) 5 years from date of first drawdown as mentioned in the repayment section, meanwhile it is reviewable at any time at the Bank's sole discretion.*

*(6) 60 equal monthly instalments for a minimum of €2,941.26 including interest, commencing one month from date of first drawdown, meanwhile it is repayable upon Bank's first written demand.*

*A variation in the repayment of facility/ies due to changes in the interest rate will be automatically adjusted by the Bank.*

*Should no such variation occur, repayments will continue until the Facility, together with interest is repaid, notwithstanding that this may modify the period originally granted. Early repayments may only be affected with prior arrangements with the Bank. In this eventuality, the monthly repayment amount will be adjusted accordingly to reflect the said early repayment as the original term of the loan will remain intact."*

61. Dwar id-'*Default*', l-istess kuntratt, Dok A jgħid hekk:

*"If one or more of the events specified in this Secion ("Events of Default") shall happen the Facility/ies and/or any other outstanding amounts under the Facility/ies shall thereupon become, immediately due and payable without any further notice.*

*a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility; or"*

62. Din il-klawsola dwar '*Events of default*' hija ċara. Fil-każ in eżami, jirriżulta, li seħħet, din l-ewwel raġuni ta' '*Default*', billi kif ikkonfermat, kemm minn Vanessa Bugeja, in rappreżentanza tal-Bank attur, kif ukoll mix-xhud Alfred Ferrante, il-kumpanija debitriċi waqfet tħallas il-pagamenti f'April 2013. Dan huwa fatt inkontestat. Għalhekk, seħħ dak indikat fi klawsola (a) supraċitat, b'mod li l-ftehim u dak stipulat fi klawsola 5 u 6 tal-istess kuntratt ma ġiex onorat.

63. Għaldaqstant, kif ikkonfermat minn Alfred Ferrante fix-xhieda tiegħu, ladarba seħħ id-'*default*', il-bilanċ fuq is-self sar dovut fl-intier tiegħu skont klawsola 11(p) ta' Dok A.

64. Il-klawsola 11(p) fil-kuntratt Dok A, tgħid hekk:

"*The facility/ies shall become instantly due and payable together with all interest and charges upon occurrence of any of the Events of Default listed in the attached form Doc_Cre_EVDEF_Jan 2008_01.01 and upon receipt of Bank's first written demand."*

65. Dan kollu qed jiġi ċitat sabiex jintwera, li l-intimati inutilment qed jikkontestaw, li kien għad m'għaddhiex il-perjodu ta' ħames snin, għaliex ladarba ikun hemm id-*Default*, u ilhom li twaqqfu l-pagamenti tas-self, jiskattaw dawn il-klawsoli u dak provdut fihom.

66. Inoltre`, dan il-prinċipju jinsab ukoll rifless fil-liġi, fl-**Artikolu 1079** tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

*"Id-debitur ma jkunx jista' jitlob iżjed il-benefiċċju taż-żmien….jekk l-istat tiegħu jkun hekk tbiddel li jqiegħed fil-periklu l-ħlas tal-kreditu, jew jekk*

*b'għemilu jkun naqqas il-garanzija illi skont il-kuntratt ikun ta lill-kreditur……"*

67. In sostenn għal dan, il-Bank attur fis-sottomissjonijiet jirreferi għall-każ **J. Grima & Sons Limited vs Agius** deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 2004 fejn ingħad:

> *"Ħadd ma jista' jlum lis-soċjeta' attriċi li tinsisti għall-ħlas kollu bilanċjali li ikun jirriżulta f'mument fejn is-sitwazzjoni finanzjarja tax-xerrej u debitur tagħha tkun tidher li kienet waħda peġġorata u kien għalhekk jirriżultalha periklu reali li l-kreditu tagħha ma jiġix sodisfatt."*

68. Dan sopraċitat huwa sinjifikanti ħafna għall-vertenza odjerna, proprju għaliex għalkemm ġie kkonfermat mix-xhieda Vanessa Bugeja u minn Alfred Ferrante, li l-każ odjern ġie intavolat qabel l-għeluq tal-ħames snin minn meta ġie iffirmat il-credit agreement, iżda ladarba l-intimati naqsu milli jonoraw dak miftiehem, prinċipalment fil-kontinwazzjoni tal-ħlas tas-self, il-Bank attur seta' ipproċeda kif fil-fatt għamel għall-ħlas, u dan saħansitra qabel l-iskadenza tal-ħames snin, ladarba seħħ id-'*Default*'. Ix-xhieda Vanessa Bugeja u Alfred Ferrante, ikkonfermaw li seħħ id-'*Default*'.

69. Għalhekk, din il-Qorti tqis li t-terminu ta' ħames snin waqa' stante n-nuqqas ta' pagament, b'hekk il-bilanċ kollu fuq is-self sar dovut u l-Bank seta' jipproċedi mingħajr ma jistenna t-terminu ta' ħames snin jiddekorri.

70. In vista tas-suespost, dak sostnut fit-tieni eċċezzjoni, li l-Bank aġixxa b'mod intempestiv, ma jreġġix.

71. Fis-sottomissjonijiet tagħhom, b'referenza għal din l-eċċezzjoni, l-intimati sostnew ukoll li l-Bank seta' jipproċedi biss fil-konfront tal-kumpanija bħala debitur prinċipali. Dan mhuwiex korrett.

72. Jiġi osservat, li meta ġie ffirmat il-credit agreement Dok A u l-credit agreement Dok C ġew iffirmati wkoll il-garanziji, Dok B u D mar-rikors promotur. Inoltre`, il-Bank eżebixxa wkoll il-kuntratti ta' garanzija in solidum, Dok G datat 22 Marzu 2012, b'referenza għas-solidarjeta` tal-garanti (kuntatt ta' garanzija in solidum mal-kumpanija debitriċi prinċipali ta' George u Maria Louisa Catania) u Dok H datat 22 ta' Marzu 2012 b'referenza għas-solidarjeta tal-garanti (kuntratt ta' garanzija in solidum mal-kumpanija debitriċi Tarcam Compnay Limited).

73. Il-bank eżebixxa wkoll Dok I kuntratt ta' garanzija in solidum mal-kumpanija debitriċi prinċipali ta' Raymond Bonnici, Dok J, kuntratt ta' garanzija in solidum mal-kumpanija debitriċi prinċipali ta' Martin Cachia, Dok K it-tieni kuntratt ta' garanzija in solidum mal-kumpanija debitriċi prinċipali ta' Martin Cachia.

74. Relevanti ħafna hija l-klawsola 2 fil-kuntratti Dok G u H:

a) *"You are hereby legally bound and agree to pay to the Bank, which accepts on written demand the whole and each and every part of the debt mentioned in Clause 3 below ("The Debt").*

b) *It is expressly agreed that this Guarantee is continuing security for the Debt.*

c) *Your liability to pay is joint and several with the Borrower. This means that the Bank can enforce this guarantee against you irrespective of whether the bank has asked the Borrower to pay the Dept. and irrespective of whether the Borrower has infact paid part of the Debt".*

75. Il-garanti solidali magħmula lill-Bank, biex jassigura li jitħallas id-dejn, huwa kif ritenut fil-ġurisprudenza responsabbli għad-dejn mad-debitur prinċipali. (Ara **Borg and Aquilina Limited vs Ta' Natu Limited et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-30 ta' Novembru 2010, **Borg Cold Stores (Import & Distribution Limited) vs Mario Pickard et noe** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fid-19 ta' Ottubru 2005; **Mark Camilleri vs James Clifford Micallef et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru 2008).

76. Għalhekk, l-intimati daħlu garanti solidali mal-kumpanija debitriċi prinċipali, kwindi għandhom jitqiesu bħala garanti solidali fit-termini ta' l-**Artikolu 1094 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**.

77. Konsegwentement, a differenza ta' dak indikat mill-intimati Catania u Tarcam Limited, mhijiex il-kumpanija debitriċi waħedha biss li hija responsabbli għall-ħlas tal-imsemmi self, iżda l-intimati kollha wkoll. L-argument ta' Ray Bonnici fis-sottomissjonijiet tiegħu, li l-Bank kellu jipproċedi biss fil-konfront tal-kumpanija bħala debitriċi prinċipali, mhuwiex argument validu. Dan għaliex, in sostenn għall-argument tal-Bank, hemm il-provi dokumentarji neċessarji, li l-intimati huma garanti solidali, u dan japplika wkoll fir-rigward ta' Raymond Bonnici u fir-rigward ta' Elena Cachia, bħala eredi ta' Martin Cachia.

78. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati.

**It-tielet eċċezzjoni**

79. Fit-tielet eċċezzjoni, l-intimati Catnia u Tarcam Limited saħqu illi s-soċjeta' rikorrenti kellha tipprova illi l-pagamenti ma sarux.

80. Kif diġa ingħad, Vanessa Bugeja u Alfred Ferrante ikkonfermaw li l-aħħar pagament b'referenza għad-dejn dovut, kien sar f'April 2013. Dan ma ġiex bl-ebda mod kontradett mill-kontro-parti.

81. Jingħad inoltre`, li l-Bank ipprova wkoll għas-sodisfazzjon tal-Qorti, il-klawsoli kollha li jemerġu mill-kuntratti eżebiti, flimkien mal-garanziji li juru evidentement is-solidarjeta` tal-garanti.

82. Għalhekk, in vista ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi, tiċħad ukoll it-tielet eċċezzjoni tal-intimati.

**Ir-raba' eċċezzjoni**

83. Fir-raba' eċċezzjoni, ġie eċċepit, li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:

a) Mhuwiex minnu li l-ammont pretiż huwa ċert, likwidu u dovut.
b) L-ammont pretiż huwa eċċessiv u ma jirrispekkjax dak dokumentat f'Dok E u f'Dok F eżebiti.
c) L-ammont mitlub ma jirrispekkjax klawsola numru 11(t) tal-credit agreement datat 6 ta' Ottubru 2010.
d) L-ammont mitlub jinkludi imgħax kompost u mhux skont il-liġi.
e) L-intimati huma biss garanti għal €150,000 għahekk kwalunkwe ammont in eċċess mhuwiex garantit minnhom.

84. Minn naħa l-oħra, fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-Bank attur isostni, li f'każ ta' '*default*' kif sar fil-każ preżenti, meta d-debitur waqaf iħallas, jiskatta l-mekkaniżmu li Bank jitlob l-ammont kollu, ossija l-bilanċ kollu minnufih. Ġie sottomess, li l-Bank ipproduċa l-provi neċessarji, liema provi ma ġewx kontradetti.

85. Referibbilment għall-argument li l-ammont pretiż li huwa eċċessiv, ġie sottolineat mill-Bank, li Dok E u Dok F iridu jinqraw simultanjament ma' Dok VB1 u Dok VB2 eżebiti fil-proċess a fol 161 u 162 tal-proċess. Inoltre`, ġie sostnut ukoll li klawsola 11 (t) fil-kuntratt Dok A tiskatta meta jseħħ '*Default*', u trid tinqara flimkien mal-klawsola 7 fil-kuntratt Dok A, liema klawsola titratta l-imgħaxijiet. Di piu`, ġie sostnut, li mhuwiex minnu li nħadem imgħax kompost, li mhuwiex skont il-liġi, għaliex Dok VB1 u VB2 juru l-metodu sempliċi li bih inħadmu l-imgħaxijiet skont ir-rata pattwita bejn il-partijiet, u dan kif jirriżulta minn klawsoli 5 u 9 tal-kuntratt Dok A.

86. Di piu`, ġie sottomess ukoll mill-Bank attur, li l-klawsola 4 fid-dokumenti dwar garanzija solidali, u ċioe` Dok G u Dok H tistipula l-kuntrarju ta' dak li qed jingħad mill-intimati, fis-sens li skont din il-kalwsola l-Bank għandu dritt jiġbor l-ammont ta' €200,000 oltre` l-imgħaxijiet.

87. Fil-fatt, il-kalwsola 4 f'Dok G u f'Dok H tipprovdi:

> *"The aggregate amount payable by you under this Guarantee (which includes the amount due under the indemnity in clause 15 below) shall be limited to the sum of two hundred thousand Euro (€200,000) together with interest on that sum as mentioned in Clause 2(e) above together with the money agreed to be paid by you under clause 17 below."*

88. Din il-Qorti tqis li l-provi prodotti da parti tal-Bank attur juru li l-ftehim kif pattwit bejn il-partijiet, jippermetti lill-Bank jipproċedu u jitlob l-interessi, kif pretiż f'dan il-każ.

89. Hija regola ġenerali li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat* (**Joseph Zammit vs Joseph Hili** Vol XXXVII-I-578; **Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited** , deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-13 ta' Jannar 1999).

90. Fil-fatt, l-**Artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi li:

> *"Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-Liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."*

91. Il-Qorti ser tipproċedi biex tanalizza l-klawsoli relevanti li jikkonċernaw l-ilmenti tal-intimati dwar l-ammont eċċessiv u dwar l-imgħaxijiet.

92. Relevanti hija l-kalwsola 11(t) imsemmija mill-intimati fl-eċċezzjoni tagħhom, li tgħid hekk:

> *"The Bank reserves the right that if the Borrower/s is/are in default or otherwise in breach of any of the aforementioned conditions, the Bank shall be entitled to charge a higher interest rate not exceeding 3% p.a. on the full outstanding amount for the period of the default"*

93. Madankollu, l-kalwsola 7 fil-credit agreement Dok A, li titkellem speċifikament dwar 'Interest' tistipula:

> *"Interest on the Facility shall be determined by the Bank at its sole discretion from time to time and will remain effective irrespective of the term of the facility/ies until notice is given by the Bank of an amended rate. Interest will be charged on the daily debit balances in accordance with the recognised banking practise."*

94. Isegwi imbagħad li mid-dokumenti Dok VB1 u Dok VB2 jidher kif inħadem l-imgħax bir-rati skont kif pattwiti fil-kuntratti eżebiti fl-atti. Infatti, jirriżulta, li rigward l-ewwel Business Loan, dan inħadem bir-rata ta' imgħax ta' 6.5% u 3% li jammontaw għal rata totali ta' 9.5%. rigward it-tieni Business Loan, jirriżulta, li dan inħadem bir-rata ta' 7% u bir-rata ta' 3% li jammontaw b'kollox għal rata ta' 10%.

95. Dan sar in linea kif provvdut fil- klawsoli suċitati. Għalhekk, dak li qed jiġi eċċepit dwar l-ammont eċċessiv mitlub u dwar imgħaxijiet għolja, m'għandux mis-sewwa, għaliex, jirriżulta, mill-provi dokumentarji eżebiti, li l-kuntratti bejn il-kontraenti qed jirregolaw l-ammont mitlub f'dan il-każ.

96. F'dan il-kuntest, huwa relevanti li jiġu enunċjati l-prinċipji legali marbuta mal-prinċipju *pacta sunt servanda*.

97. Kif affermat fl-**Artikolu 992 (1) tal-Kodiċi Ċivili**, il-ftehim huwa liġi bejn il-partijiet kontraenti.

98. Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kuntrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta tal-kontraenti kif espressa fil-Konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata (*Pacta sunt servanda*). (**Gloria mart Jonathan Beacon et vs l-Arkitett u Inginier Ċivili Anthony Spiteri Staines** – (Appell Ċivili deċiż fil-5 ta' Ottubru 1998) **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** deċiża fit-30 ta' Mejju 2002; **Stephen Vella vs Adriana Vella noe** deċiża fit-28 ta' Novembru 2002).

99. L-applikazzjoni ta' din id-disposizzjoni, hija konformi mal-prinċipju li ladarba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu preżunt li qabel ma ffirmaw dak il-ftehim qiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-interessi tagħhom u allura una volta ffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti.

100. Għalhekk, meta applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jirriżulta, li dak mitlub mill-Bank huwa konformi mal-kuntratti iffirmati bejn il-kontraenti, kif ġie ippruvat.

**Imgħaxijiet**

101. Din il-Qorti ser issa tikkunsidra wkoll il-kwistjoni tal-imgħaxijiet kif tirriżulta mid-dokumenti u l-provi eżebiti.

102. Vanessa Bugeja, in rappreżentanza tal-Bank xehdet fit-18 ta' Ottubru 2016, fejn ippreżentat id-dokumenti Dok VB1 u Dok VB2 li juru kif inħadem l-imgħax, u dawk l-ammonti li jidhru f'dawn id-dokumenti huma l-ammonti dovuti lill-Bank sad-data tal-preżentata ta' dan il-każ.

103. Relevanti li ssir referenza għall-**Artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili**, li jipprovdi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita.*
>
> *(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak inhar li ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni.*

104. Dan jinsab rassodat fil-ġurisprudenza, fil-każ **Mallia vs Bezzina Wettinger** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ottubru 2003, ingħad:

> *"L-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali, jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom jibdew*

> *jgħaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi eżegwita … mill-fuq espost jidher li l-ewwel Qorti kienet żbaljata inkwantu l-imgħax jew kellu jiġi akkordat mid-data meta l-ammont kellu jiġi mħallas lura, u dana f'każ li l-obbligazzjoni kienet waħda kummerċjali, jew jekk l-obbligazzjoni ma kinitx ta' natura kummerċjali, dan l-imgħax għall-anqas kellu jiġi komputat mid-data tal-preżentata tal-att ġudizzjarju stante li l-ammont reklamat bħala kapital kien wieħed determinat, u dana kif ġie diversament ritenut u deċiż minn din il-Qorti."*

105. Fil-fatt, jista' jingħad, li jekk l-obbligazzjoni tkun ta' natura kummerċjali, jista' jingħad li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure*, mingħajr ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju, u b'effett minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq, dan dejjem abbażi tal-Artikolu 1141(1) tal-Kodiċi Ċivili. (Ara wkoll **John Muscat vs Maġġur Louis Radmilli et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-3 ta' Ottubru 2002).

106. Mid-dokumenti eżebiti, Dok VB1 u VB2, fol 161 u 162 tal-proċess, jidher li l-imgħax beda jinħadem minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq ma twettqitx, ossija mis-sena 2013, peress li waqfu l-ħlasijiet tad-dejn da parti tal-intimati.

107. Di piu`, kif ġie premess anke fir-rikors promotur, l-imgħaxijiet inħadmu bir-rata kif pattwita bejn il-kontraenti fil-kuntratti eżebiti mill-Bank, u ċioe` l-ewwel Business Loan numru 139769 71 001 bir-rata ta' 9.5% (6.5% =3%) u t-tieni Business Loan numru 139769 71 002 bir-rata ta' 10%).

108. Fid-dawl ta' dawn il-fatti u riżultanzi, jirriżulta, li l-bank irnexxielu jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li dak pretiż huwa dovut, skont kif miftiehem bejn il-partijiet.

109. Għaldaqstant, tiċħad ir-raba' eċċezzjoni tal-intimati fl-intier tagħha għar-raġunijiet spjegati.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali ppreżentati quddiemha;

Rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-Bank attur u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati George Catania, Maria Louisa Catania u Tarcam Company Limited.

**Tilqa'** t- talbiet tas-soċjeta attriċi kif ġej:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel talba;

**Tilqa'** t-tieni talba; u

**Tiddikjara** li l-intimati Liberty Fishing Co Limited, George Catania, Maria Louisa Catania, Tarcam Co. Limited, Raymond Bonnici w il-kjamata in kawża Elena Cachia bejniethom saru debituri tal-kumpania attriċi fl-ammont ta' €153,809.83, b'dan li kull wieħed minnhom ikollu l-obbligu li jħallas l-ammont kollu in virtu` tal-garanzija solidali mogħtija minnhom.

**Tilqa'** t-tielet talba; u

**Tikkundanna** lill-intimati Liberty Fishing Co Limited, George Catania, Maria Louisa Catania, Tarcam Co. Limited, Raymond Bonnici w il-kjamata in kawża Elena Cachia jħallsu lill-kumpanija attriċi l-ammont ta' €153,809.83, b'dan li kull wieħed minnhom ikollu l-obbligu li jħallas l-ammont kollu in virtu tal-garanziji solidali mogħtija minnhom,

**L-ispejjeż** għandhom ikunu a kariku tal-intimati Liberty Fishing Co Limited, George Catania, Maria Louisa Catania, Tarcam Co. Limited, Raymond Bonnici w il-kjamata in kawża Elena Cachia in solidum bejniethom.

**Imgħax** huwa dovut kif mitlub fir-rikors promotur.

Bank Charges u fees ulterjuri, kif mitlub mis-soċjeta' rikorrenti, ma' humiex dovuti għajr għal dawk stabbiliti fit-taxxa tal-Qorti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur